31987R3858

23.12.1987 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 363/27

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (EEC) Nru 3858/87

tat-22 ta' Diċembru 1987

li jemenda r-Regolament (EEC) Nru 1351/72 dwar ir-rikonoxximent ta' gruppi ta' produtturi tal-*hops*

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KEE) Nru 1696/71 tas-26 ta' Lulju 1971 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-*hops* [1], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3800/85 [2], u b'mod partikolari Artikolu 7(5) tal-istess Regolament,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1351/72 [3], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1323/86 [4], jistipula l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent ta' gruppi ta' produtturi tal-*hops* u assoċjazzjonijiet tagħhom; billi Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament jgħid li assoċjazjoni ta' gruppi ta' produtturi jistgħu japplikaw għar-rikonoxximent jekk, fost affarijiet oħra, ż-żoni reġistrati bħala ikkultivati mill-membri tagħha m'humiex inqas minn 1 000 ettaru; billi dik id-dispożizzjoni għandha tiġi adattata skond dan;

Billi l-miżuri li hemm provvediment għalihom f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-*Hops*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-subparagrafu segwenti qed jiġi minnufiħ miżjud mal-5 (1) tar-Regolament (KEE) Nru 1351/72:

"Madankollu, fejn, fi-Istat Membru, ż-żona totali bil-*hops* hi inqas minn 1 000 ettaru, ż-żona minima meħtieġa għandha tkun ugwali għal 250 ettaru."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum li fih jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament lill-Istati Membri kollha.

Magħmul fi' Brussel, fit-22 ta' Diċembru 1987.

Għall-Kummissjoni

Frans ANDRIESSEN

Viċi-President

---

[1] ĠU L 175, ta' l-4.8.1971, p. 1.
[2] ĠU L 367, tal-31.12.1985, p. 32.
[3] ĠU L 148, tat-30.6.1972, p. 13.
[4] ĠU L 117, tas-6.5.1986, p. 12.